**22 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallfin:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D. - Agent President**
**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph Said Pullicino B.A., (Hons) LL.D.**

Joseph Camilleri

*versus*

Emmanuel Bonello

## Depositu - Bank - Obbligi Bankarji - Imgħax B'rata In Eċċess Ta' Dik Permessa Mil-Liġi

*Il-konvenut Kontrollur tal-Bank ma jistax jiġi tenut responsabbli biex jirrifondi flus li ma ġewx depositati għandu imma depositati f'idejn id-direttur jew diretturi tiegħu li rrilaxxjaw cheque post-dated. Riflessjonijiet u insenjanti tal-Qrati fuq il-punti legali involuti.*

Il-Qorti :

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li jgħid hekk:-

Illi l-attur kien avvanza lil Bank konvenut is-somma ta' elf tlett mija ħamsa u sittin liri Maltin (Lm1,365) u peress illi l-Bank konvenut sabiex jirrikonoxxi dan il-kreditu ta' l-attur ħareġ '*cheque*' pagabbli lill-attur fl-ammont fuq imsemmi datat 8 ta' Awissu 1973 (kopja ta' liema hija esibita bħala Dokument 'A');

Illi l-Bank konvenut baqa' ma ħallasx lura l-imsemmija somma lill-attur;

Talab li dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' Lm1,365 rappresentanti flus li l-attur kien avvanza lill-Bank konvenut;

Bl-imgħax mit-8 ta' Awissu 1973 u bl-ispejjez kompriżi dawk ta' l-ittra bonarja tat-21 ta' April 1988;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha eċċepixxa:-

'1. Illi l-attur fil-fatt qatt ma iddepożita l-flus meritu ta' din il-kawża mal-Bank konvenut u dana għaliex ma jirriżultax bħala tali fil-kotba ta' l-istess Bank. Li seta' għamel l-attur kien li silef lil Cecil Pace l-ammont ta' Lm1,365 u dana irrikonoxxiħ l-istess Cecil Pace billi ħariġlu ċ-'*cheque*' msemmi fiċ-ċitazzjoni u markat Dokument 'A';

2. Illi għal dawn il-motivi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur ;

Salvi eċċezzjonijiet oħra.'

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-15 ta' Ġunju 1990 li biha dik il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenut nomine u ċaħdet it-talba attriċi - spejjeż bla taxxa bejn il-partijiet. Dana

fuq is-segwenti motivazzjonijiet:-

'Fit-12 ta' Jannar 1989 il-konvenut ivverbalizza illi ċ-'*cheque*' mhuwiex '*banker's draft*' waqt li l-attur iddikjara li l-pretensjoni tiegħu hija bażata fuq iċ-'*cheque*' esibit, u mhux allegat, depożitu bankarju - naturalment, fis-sens komuni tal-frażi. Il-konvenut ippreċiża wkoll illi l-kont numru 301504 li fuqu ħareġ iċ-'*cheque*' - Dokument 'B' - kien kont personali ta' Henry Pace u li kien jużah ukoll, ħuh, Cecil Pace;

Dawn id-dikjarazzjonijiet ta' fatti ma ġewx kontestati mill-kontroparti u m'hemmx dubju li l-Qorti għandha teħodhom bħala fatti mhux kontestati; anki għaliex il-provi orali, susegwentement, ikkonfermawhom;

*Purtroppo* l-fatti f'din il-kawża huma simili - jekk mhux addirittura identiċi - għal diversi kawżi li ħadet konjizzjoni tagħhom din il-Qorti kif presjeduta, u l-istess konsiderazzjonijiet ġuridiċi huma komuni għalihom kollha;

Is-sintesi - il-kwistjoni kollha hija li l-konvenut, fil-kwalità tiegħu ta' Kontrollur tal-*Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited* (BICAL) ma jistax jiġi tenut responsabbli biex jirrifondi flus li ma ġewx depożitati għandu imma depożitati f'idejn id-direttur jew diretturi tiegħu, li rrilaxxjaw '*cheque*' personali tagħhom, imma mhux tal-bank;

Biex jiġu evitati ripetizzjonijiet - issir riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif presjeduta, tad-29 ta' Marzu 1990, fl-ismijiet 'Saviour Fenech vs Emmanuel Bonello nomine' - għal dak li huma l-motivazzjonijiet u raġunijiet ulterjuri, ta' dak li ntqal fil-paragrafu ta' qabel dan;'

L-appellanti odjerni, l-armla u l-ulied ta' Joseph Camilleri li assumew l-atti wara l-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża, ħassew

ruhhom aggravati b'din is-sentenza u appellaw minnha;

Il-Qorti qieset l-aggravji li mmotivaw l-appell, ir-risposta tal-konvenut, l-atti kollha tal-kawża u id-dokumenti esibiti u ma ssib l-ebda raġuni ta' fatt jew ta' dritt li twassalha tvarja jew tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti;

Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. L-ewwel aggravju ta' l-appellanti hu li l-Qorti tal-Kummerċ **injorat** kompletament il-mod kif u fejn sar in-negozju dwar l-avvanz tal-flus. Isostnu illi dawn l-elementi ta' fatt kellhom iwasslu għall-provi ċara 'bejn min sar in-negozju' u ċjoè jekk sarx mill-awtur ta' l-appellanti **mal-bank konvenut** jew **mad-diretturi tiegħu personalment'**. Isostnu illi l-fatt li n-negozju sar fis-sede tal-Bank u sar mad-diretturi tal-Bank f'dik il-lokalità kien 'jagħti x'jifhem u jindika illi meta n-negozju meritu tal-kawża kien qed isir dan kien qed isir mal-bank u mhux mad-diretturi personalment'. Issa apparti li ma hemm l-ebda indikazzjoni illi l-Ewwel Qorti njorat dawn iċ-ċirkostanzi jew li ma ħaditx konsiderazzjoni tagħhom meta waslet għad-deċiżjoni tagħha, din il-Qorti tifhem li dawn huma elementi ta' fatt - uħud minnhom ukoll kontestati - illi huma ċirkostanzjali ***u li waħedhom*** mhumiex determinanti biex jistabbilixxu jekk in-negozju kienx jew le qed jiġi konjuż mal-bank jew personalment mad-Diretturi tiegħu. Huma inveċe determinanti elementi oħra ta' fatt li jolqtu n-natura tan-negozju nnifsu u li jistabbilixxi jekk tali negozju kienx wieħed li jaqa' fl-ambitù ta' l-operazzjonijiet bankarji aċċettati jew jekk altrimenti kienx qed isir mad-diretturi tiegħu personalment proprju għaliex tali negozju ma setgħax isir jew ma kienx permess li jsir mill-bank. Huwa mill-eżami tan-natura tan-negozju li ta lok għall-kreditu ta' l-attur illi toħroġ l-intenzjoni tal-kontraenti bejn min saret ir-rabta kontrattwali;

2. F'dan il-kontest indipendentement mill-aġir 'illegali u

frawdolenti' illi l-appellanti jaddebitaw lid-diretturi tal-Bank f'dan in-negozju, kollox jindika illi n-negozju kien qed isir magħhom personalment u li l-awtur ta' l-appellanti kien jaf u ma setax ma kienx jaf illi kien qed jafda flusu f'idejn l-aħwa Pace personalment u mhux f'idejn il-Bank. Mhux f'dan il-kontest rilevanti jekk hu kienx fil-mument tal-kontrattazzjoni konxju tad-distinzjoni bejn il-persuna tad-diretturi u l-personalita' ġuridika distinta tal-Bank minnhom rappreżentant;

3. Hu ovvju mill-fatti - dan hu ammess mill-appellanti u l-awtur tagħhom - illi l-operazzjoni li ħolqot il-kreditu favur tagħhom kienet waħda ta' self b'riħa ta' illegalità kieku kellha tiġi magħmula minn Bank kummerċjali, kienet timporta avvanz ta' flus mill-awtur ta' l-appellanti kontra l-konsiderazzjoni ta' rati ta' imgħax **in eċċess** ta' dawk permessi fil-liġi li jagħti Bank kummerċjali dak iż-żmien. Hu l-istess ovvju li l-Bank bħal kull Bank ieħor suġġett għall-kontrolli fiskali bil-liġi ma seta' qatt jintraprendi negozji ta' din in-natura metu hu responsabbli għad-depożiti ta' terzi li jrid iħares, li għandu l-obbligu li jagħti rendikont għalihom u li dwarhom hu soġġett għall-verifika perjodika skond il-liġi bankarja;

4. L-awtur ta' l-appellanti bħall-aħwa Pace, kien jew messu kien konxju sewwa mill-illigalità tan-negozju kieku din saret mal-Bank. Din tirriżulta manifesta mhux biss mill-ftehim ta' pagament ta' rata ta' imgħax oltre dik permess bil-liġi imma wkoll **mill-forma** tad-depożitu nnifsu. Jirriżulta li l-awtur ta' l-appellanti minflok qiegħed il-flus f'kont tal-Bank f'wieħed mid-depożiti rikonoxxuti u irċieva mill-Bank irċevuta bħala prova ta' tali depożitu, aċċetta u qabel li jafda l-kapital tiegħu f'idejn id-diretturi tal-Bank u minn għandhom jirċievi - **in garanzija tal-pagament tiegħu u ta' l-imgħax** - ***'post-dated cheque'*** rilaxxjat bil-firma tad-diretturi. *'Cheque'* personali u mhux *'cheque'* tal-Bank (*Banker's draft*). Jidher ukoll illi l-import tal-*'post-dated cheque'* kien jinkludi **wkoll l-imgħax miżjud bir-rata għolja**

**miftiehem**. F'kull każ din kienet operazzjoni sospetta, għal kollox estraneja għall-attività ta' Bank kummerċjali li ma hu permess għalih qatt li jagħti garanzija ta' din ix-xorta għar-ripagament ta' depożiti li tkun ovvjament preġudizzjevoli tad-drittijiet tad-depożitanti l-oħra mal-Bank. Il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax tpoġġi fl-istess keffa dawk id-depożitanti regolari li utilizzaw is-servizzi tal-Bank b'mod leġittimu u lil dawk bħall-awtur ta' l-appellanti li fl-aspettattiva li jirċievi l-imgħax għola minn dak konsentit bil-liġi innegozja mad-diretturi ta' l-istess Bank bil-ħsieb li jaġġira l-liġi bankarja;

5. Il-Qorti hi sodisfatta illi l-awtur ta' l-appellanti, anke jekk fil-mument tal-kontrattazzjoni ma kellux ħjiel ta' dak li seta' jinqala' u kien sodisfatt li n-negozju ma' l-aħwa Pace kien ekwivalenti għall-negozju mal-Bank minnhom dirett - konxjament ħa riskju li jafdalhom flusu f'idejh presummibbilment għax tħajjar għall-imgħax abkar. Imgħax li seta' jassigura biss jekk il-ftehim isir, kif sar, barra mill-ambitù ta' l-attività ortodossa tal-Bank. Riskju li l-awtur ta' l-appellanti ħa konxjament anke jekk mhux forsi konsapevoli tal-komplessità legali tas-sitwazzjoni jekk jiġri dak li fil-fatt ġara;

6. Riskju li l-Qorti bl-ebda mod ma tista' tgħaddi fuq il-Bank appellant u li kieku kellha hekk tagħmel tkun qed tikkaġuna preġudizzju serju għad-depożitati legali u regolari tal-Bank li poġġew flushom f'kontijiet rikonoxxuti fil-liġi u operati fil-parametri permessi. Mhux leċitu għall-Qorti għalhekk li tippermetti illi l-assi a disposizzjoni tal-Kontrollur tal-Bank appellat maħsub biex jagħmel tajjeb qabel xejn u fuq kollox għar-ripagament tad-depożiti miżmuma mill-istess Bank, jiġi preġudikat bir-rikonoxximent żbaljat ta' xi responsabbilità tal-Bank għall-pagament ta' krediti naxxenti minn negozju magħmula mad-diretturi tiegħu personalment;

7. L-eċċezzjoni tal-konvenut appellat tirriżulta għalhekk

fondata u t-talba attriċi qed tiġi riġettata. Naturalment dan bl-ebda mod ma jfisser illi l-aħwa Pace qed jiġu meħlusa minn kull responsabbilità personali li jista' jkollhom jew għad fadalhom fir-rigward ta' l-appellanti. Jekk tali responsabbilità tirriżulta pruvata huma għandhom pero' jagħmlu tajjeb għalija bi ħwejjiġhom u mhux bl-assi tal-Bank li kien jiggarantixxi li fuq kollox jagħmel tajjeb għall-kapitali dovuti lid-depożitanti li fdaw flushom lilu;

8. L-appellant *nomine* fir-risposta tiegħu - kważi aċċidentalment - donnu qed jappella inċidentalment dwar il-każ ta' l-ispejjeż. Hu jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata fejn iddeċidiet illi l-ispejjeż tal-kawża kellhom jibqgħu bla taxxa u talab li l-ispejjeż kellhom jiġu akkollati kollha lill-appellanti. Il-Qorti ma taqbilx li hekk għandu jsir. Hu ġust li l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jibqgħu bla taxxa in vista tal-fatt li kien hemm fil-passat deċiżjonijiet konfliġġenti f'każijiet analogi bħal dan taħt eżami. Kien hemm min fl-istess ċirkostanzi ta' l-appellanti ottjena - fil-fehma ta' din il-Qorti żbaljatament - sentenza favorevoli. L-inċertezza ta' l-istat tad-dritt jiġġustifika allura t-temperament tal-kap ta' l-ispejjeż mill-Ewwel Qorti. L-ispejjeż ta' dan l-appell però hu ġust li jsofruhom l-appellanti in kwantu wara s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ kienu f'sitwazzjoni li jevalwaw sewwa x'kienet il-posizzjoni ġuridika korretta;

Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż tal-prim'istanza jibqgħu kif hemm diġà deċiżi. L-ispejjeż ta' l-appell jitħallsu mill-appellanti.